KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tat-30 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar, 2015 u li bdiet fl-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Philip Vella |
| ViċiSindku: | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri: | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali: | |
| SegretarjuEżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur taż-żgħażagħ: | Is-Sur Eric Gauci |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgħa bdiet fl-5.00 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħat ta' qabel, Nru. 28 - 8 u tal-laqgħa b'urġenza Nru 29 - 8 u dawn ġew ikkoreġuti w approvati unanimament mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħat tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat mill-lum ser jibdew ikunu streamed life fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill www.sannat.gov.mt

Is-Sindku ntroduċa u feraħ lil Eric Gauci, l-Ambaxxatur il-ġdid f'isem iż-żgħażagħ tar-raħal Ta' Sannat li ser jibda jattendi għall-laqgħat tal-Kunsill u għall-għajnuna tiegħu li jista joffri l-quddiem b'risq il-lokalita' Ta' Sannat. Is-Sindku ntoduċa lil Eric Gauci sabiex jagħti l-ntroduzzjoni tiegħu. Eric qal li huwa student u li qed jattendi l-iskola fl-ewwel sena tiegħu tas-Sixth Form u li se jagħlaq sbatax-il sena dalwaqt.

*Fil-5.20 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża peress li fil-kamra tal-laqgħat daħlu s-Sur Michael Curmi, Is-Sur Charlie Muscat, is-Sur George Spiteri u l-Perit John Saliba minn Triq tal-Gruwa u s-Sindku ssospenda l-laqgħa.*

*Il-laqgħa baqgħet sospiża għaliex wara li ħarġu dawn is-Sinjuri mill-kamra, daħal fil-kamra tal-laqgħat is-Sur Tarcisio Grima minn Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri.*

*Il-Laqgħa tkompliet fis-6.00 p.m., fejn l-Kunsill iddiskuta dawn l-ilmenti segwenti.*

Is-Sinjuri Curmi, Muscat, Spiteri u l-Perit Saliba minn Triq Gruwa preżentaw ilment bil-mitub għan-nom tar-residenti ta' Triq tal-Gruwa dwar spjegazzjoni ta' kif sar ix-xogħol ta' tqegħid ta katusi ta' l-ilma tax-xita billi huma qed isostnu li dawn huma żgħar wisq biex jirċievu l-ilma li jgħaddi f'din it-triq meta tagħmel xita qawwija. Is-Sindku qal li hu, flimkien mall-Kunsill qed jgħamlu l-għalmu tagħhom biex minn dan ix-xogħol tal-pajp line li qed isir mill-Qala għal ġibjun Ta' Ċenċ, l-Kunsill jista jibbenefika biex isir dan ix-xogħol tal-katusa/culvert għall-ilma tax-xita peress li l-Kunsill ma għandux il-fondi biex jgħamel dan. Is-Sindku kien ċar dwar dan u qal li l-water culvert li sar f'din it-triq kien mill-W.S.C. u l-Ministeru għal Għawdex fejn dan il-proġett hu f'idejn il-Perit Bigeni. Dawn ir-residenti qalu wkoll li meta kien hemm il-Perit fil-post dan kien qal li l-katusi kienu ser isiru tal-pied u sitta u dawn saru tal-pied u erba' u b'hekk l-problema tal-ilmijiet tax-xita mhux ser tissolva għal kollox. Is-Sindku qal li ser jitlob laqgħa apposta mall-Perit Bigeni biex jitlobu li dawn il-katusa/culvert jkunu akbar jew li ssir alternattiva oħra biex nevitaw din il-problema.

Is-Sur Grima ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri kien ressaq ilment dwar katusa tad-drenaġġ miksura fi triq u li qed toħloqlu nkonvenjent kbir kull darba li jfur id-drenaġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv kien kiteb lill-W.S.C. fejn infurmawh li minn naħa tagħhom marru tlett darbiet bil-camera biex jgħinuhom jillokejtjaw il-ħsara fejn qiegħeda biex jinżel fuq fejn hemm il-ħsara fuq din il-house connection tiegħu. Mill-W.S.C. qallu li din trid issir privatament, huma ma jidħlux fiha. Huma komplew jgħidu li l-W.S.C. huma responsabbli biss mill-main prinċipali tan-nofs it-triq tal-8" li jinsab f'kundizzjoni tajba u ma fiehx problemi. Is-Sur Grima kompla jgħid li din il-ħsara ġiet ikkaġunata mill-*wear and tear* tat-triq. Il-Kunsill għandu jieħu parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar dan il-każ.

## 2. Proġetti Kapitali - Applikazzjonijiet

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan kien irċieva ittra mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli kollha ġew infurmati li fil-baġit għal din is-sena l-Gvern kien ħabbar fond ta' miljun euro lill-Kunsilli Lokali f'proġetti kapitali. Hu kompla qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu mitluba jattendu laqgħa apposta li għalija attendew flimkien mall-Kunsilli Lokali Għawdxin nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar 2015, fl-10.00 a.m., fis-sala tal-Kunsill Lokali n-Nadur. Dawn l-appikazzjonijiet jgħalqu fit-30 ta' Jannar 2015. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li għandu japplika għal tlett proġetti wieħed minnhom mitlub mill-Kumitat tar-Regional Park ta' Mġarr ix-Xini bejn il-Kunsill Lokali Ta' Sannat u x-Xewkija.

- Il-water storm culvert u bini ta' ħitan tas-sejjieħ ta' Triq tal-Gruwa
- Tkomplija bit-tarmak tal-Proġett tal-M313 - Triq Dun Xand Aquilina
- Parti minn fażi tal-istudju tal-iskavi f' Mġarr ix-Xini Regional Park

## 3. Il-Karnival f' Ta' Sannat

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-laqgħat imejls mibgħuta minn kumpaniji tal-Karnival bil-prezzijiet mitluba. Il-Kunsill mhux kollu beda jaqbel li jsir il-Karnival fir-raħal għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex issir votazzjoni dwar jekk il-Kunsill jaqbilx li l-Karnival isir jew le. Il-votazzjoni ġiet bi tnejn favur u tlett astensjonijiet. Għalhekk is-Sindku qal li l-Karnival se jsir nhar it-Tnjen 16 ta' Frar 2015, fit-8.15 p.m. fi Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsillier Bajada ssuġġerixxa biex issir kompetizzjoni għal aħjar sitt maskarati spontanji biex jitqajjem l-ispirtu tal-Karnival tradizzjonali kif kien isir fil-Karnival f'Ta' Sannat snin ilu. Il-Kunsill qabel li għal din il-kompetizzjoni l-premijiet ikunu f'cash prizes, fl-ewwel post €50, fit-tieni post €40, fit-tielet post €30, fir-raba', fil-ħames u fis-sitt post €20 kull wieħed. Għandha titqabbad ġurija apposta għal din il-kompetizzjoni. Dawn il-parteċipanti għal din il-kompetizzjoni għandhom jiġbru numru mill-uffiċċju tal-Kunsill. Dwar il-kumpaniji taż-żfin bil-kostum, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu mistiedna. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lid-daqqaqa folkloristiċi Ta' Seguna u li għandu jinkera s-sound system għal din l-attivita. Għandu jintalab l-għajnuna tal-Pulizija u gwardjani lokali.

## 4. Dog Park

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat minn Ms. Heidi Grech mill-Annimal Welfare fejn talbet laqgħa miegħu u ġie spjegat jekk il-Kunsill Lokali Ta' Sannat għandux xi area fejn wieħed jista jagħmel Dog Park għar-rikreazzjoni u playing area għal klieb. Is-Sindku ssuġerixxa li dan il-park ikun tajjeb jekk isir fejn il-Ġnien tal-Bidwi fiż-żona ODZ, area tal-Gvern u li tinsab f'idejn Alex Bajada u Salvu Buttigieg fejn din l-art tista tiġi devoluta lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Viċi Sindku ssuġġerit li l-Kunsill għandu qabel jistaqsi lir-residenti ta' dik it-triq jekk jaqblux ma din il-proposta minħabba l-għajjat tal-annimali. Is-Sindku qal li park ta dan it-tip se jkun l-ewwel wieħed f'Għawdex għalhekk ikun kapaċi li l-lokalita' Ta' Sannat tiġi frekwentata aktar minn ħafna nies. Għalhekk is-Sindku qal li se jitlob laqgħa apposta mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Roderick Galdes dwar dan il-proġett.

Is-Sindku semmha wkoll li l-Kuntrattur tal-Bidwi Park mhux qed iwettaq ix-xogħol kif mistħoqq u li l-post qed jiġi traskurat, hu qal li suppost fuq il-post ħawwel fjuri staġġjonali u dan ma sarx. Għalhekk is-Sindku qed jitlob li l-pagament ta' Jannar 2015 ma jitħallasx kollu. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 5. Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Jum Sannat, it-28 ta' April din is-sena se jaħbat nhar it-Tlieta, għalhekk dan il-jum għandu jiġi ċċelebrat fil-weekend ta' qabel. Il-Kunsill qabel ma dan u qabel ukoll li għandhom jiġu avviċinati s-Soċjeta Mużikali Santa Margerita u d-Diretturi tal-Hotel Ta' Ċenċ biex jekk hu possibli jittelgħa kunċert mużikali bħas-sena l-oħra, fis-sala għal konferenzi tal-Hotel Ta' Ċenċ. L-applikazjonijiet għan-nomini tal-Premju Ġieh Sannat għandhom jgħalqu fl-ewwel ġimgħa ta' April. Is-Sindku ddeleġa lill-Kunsillier Bajada u bl-għajnuna tas-Sur Franco Azzopardi biex tiġi organizzata logħba futbol bil-veterani tal-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Headmistress tal-iskola primarja ta' Sannat

nfurmatu li l-field day mit-tfal tal-iskola ser tiġi organizzata fl-grawnds tal-iskola f'Jum Sannat stess nhar it-Tlieta 28 ta' April 2015.

**6. Data għall-Laqgħa Annwali**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li skont Artiklu 70 tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali għandha isir l-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn il-Kunsill jkun jista jilqa' s-suġġerimenti tar-residenti dwar il-baġit għas-sena 2015 u li r-residenti tal-lokalita' Ta' Sannat huma kollha mistiedna li jattendu. Il-Kunsill qabel li din il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2015, fis-6.30 p.m., fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

**7. Materja oħra**

Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-ammont tal-allokazzjoni għal din is-sena 2015, hi ta' €210,933.00c.

7.2 Is-Sindku ressaq il-Performance Bonus ta' l-Impjegati għal-approvazzjoni. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:

- L-eks Deputat Segretarju Eżekuttiv Mark Formosa ġie mogħti 10%
- Is-Segretarju Eżekuttiv Jason Curmi ġie mogħti 10%
- L-Iskrivana Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%

Fil-kas tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapporti ser jintbgħatu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

7.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ta' Miżura 313 dwar xogħol ta' pavimentar b'ċangatura ta' tip porfido fi Pjazzetta tax-Xelina, Ta' Sannat u kanali tal-ilma tax-xita b'impatt ambjentali għandu jiġi ffirmat mill-kuntrattur li rebaħ l-offerta Gatt Tarmac Ltd. u l-Kunsill fil-jiem li ġejjin ikun jista jibda ix-xogħol u jitlesta sa nofs ix-xahar ta' Mejju 2015. Is-Sindku qal lill-Kunsill li l-pre-financing ġiet aċċettata mill-Ministru tal-Finanzi. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Perit biex jipprepara d-dokumenti tat-tenders għad-dwal u l-għamara ta' Pjazzetta tax-Xelina.

Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill dwar t-Tender tal-Ġbir ta' l-iskart domestiku, li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat, flimkien ma tax-Xewkija u tax-Xagħra ħargu s-sejħa għall-offerti fuq il-Malta Indipendent, fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta u fuq l-EU Journal. Din l-offerta se tagħlaq nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2015, fil-11.00 a.m. Dan id-dewmien inqala' minħabba li fuq l-EU Journal is-sejħa trid iddum tnejn u ħamsin ġurnata. Il-prezz ta' tender se jkun ta' €150 u l-offerti se jinġabru u jinxeħtu fil-kaxxi apposta fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Għalhekk dawn it-tlett Kunsilli Lokali se jkollhom jġeddu l-kuntratt li għandhom preżenti għax-xhur li ġejjin ta' Frar u Marzu 2015. Is-Sindku talab biex meta jiġu miftuħa dawn l-offerti ikun hawn rappreżentanza mit-tlett Kunsilli.

7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar il-ħatra ta' Skrivan mall-Kunsill, is-Sur Joe Mifsud li kellu jibda jaħdem minn nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2015 ma aċċettax dan ix-xogħol minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-persuna li jmiss mill-lista tar-riżlutat u li fl-ittra li se tintbgħat mis-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma biex dan/din jibda/tibda taħdem mall-Kunsill minn nhar it-Tnejn 2 ta' Frar 2015.

7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li hu kiteb lill-Transport Malta dwar l-ilment tas-Sur Grech dwar il-Bus Stop ta' quddiem id-dar tiegħu fi Triq il-Kbira u fit-tweġiba mis-Sur Said minn TM dan talab lill-Kunsill fejn ser teħel minflok. Il-Kunsill qabel li din il-Bus Stop teħel faċċata ta' l-istatwa tad-Duluri fl-istess triq fejn kienet oriġinarjament.

7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kif kien mitlub talab il-kwotazzjonijiet għal bieb tas-switchroom u l-fly screens tal-latrina pubblika mingħand l-istess kuntrattur li ħadem l-aperturi tal-istess latrina dan biex ikunu tal-istess kulur u pariġġ. Il-prezz hu ta' €383.50. Il-Kunsill qabel ma dan u talab lis-Segretarju biex dawn jiġu ordnati.

7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kwotazzjoni għal żewġ skrivaniji ġodda għall-uffiċċju tal-iskrivani se jgħalqu f'nofsinhar, ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2015.

7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li l-Kunsilli Lokali ġew mitluba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek biex il-Kunsilli jibdew iqassmu l-vouchers minn issa għax-xahar ta' Frar u ta' kull xahar lil persuni li huma Coelic mill-uffiċċju tal-Kunsill.

Korrispondenza tal-Kunsillieri

7.10 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li f' April ser isir Kunċert organizzat mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bl-isem Voices from the Choirs fil-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat fejn ser jitolbu lill-Kunsill biex jgħin f'din l-attivita permezz ta' trophies. Il-Kunsill talab li tintbgħat ittra mill-organizzaturi biex il-Kunsill ikun jista jikkolabora għal din l-attivita'.

7.11 Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġerit li jibdew jiġu organizzati attivitajiet fil-lokalita' bl-isem Lejla Letterarja. Il-Kunsill għandu jara fejn jistgħu jiġu organizzati dawn.

7.12 Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill b'ilment mir-residenti li fi Triq tal-Gruwa l-kuntrattur li qed jaħdem f'din it-triq waqqa xi ħajt tas-sejjieħ fit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ġa nforma lill-W.S.C. biex dan il-ħajt jerġa jinbena kemm jista jkun malajr.

7.13 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-water culvert ta' Triq Sannat kantuniera ma Triq ix-Xewkija għandu jiġi mnaddaf. Hu talab lis-Segretrju Eżekuttiv biex jikteb lid-Dipartiment tax-xogħolijiet u żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex dan ix-xogħol isir.

7.14 Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li qed jirċievu lmenti mingħand individwi li jgħaddu minn Triq ix-Xewkija u talbu li jitwaħħal reflector f'din it-triq fejn ħajt ta għalqa li joħroġ il-

barra fit-triq li jinsab quddiem fejn hemm is-serer fl-egħlieqi faċċata. Il-Kunsill qabel li jinxtara relflector u jeħel fl-art ma dan il-ħajt.

7.15 Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Avukat tal-Kunsill biex jikteb ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet biex fil-kantuniera ta' Triq ix-Xewkija fejn iċ-Ċimiterju din it-triq titwessa' peress li hi ta' periklu.

7.16 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li qed tirċievi lmenti minn għand ġenituri tat-tfal li jattendu l-iskola primarja biex iz-zebra crossing fi Triq Sannat titmexxa aktar il-fuq ma Triq 28 ta' April 1688. Is-Sindku qal li dwar din għandha tinġibed l-attenzjoni lill-Perit tal-Ministeru għal Għawdex meta l-Kunsill jara l-pjanti l-ġodda ta' Triq Sannat.

7.17 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex titwaħħal tabella bil-ftuħ u l-egħluq tal-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel ma dan.

7.18 Il-Kunsilliera Margaret Said issuġġerit lill-Kunsill biex fis-sotto-kumitat li se jitwaqqaf apposta tal-proġett tal-Pjazza Santa Margerita jkun hemm rappreżentant mill-Kumitat tal-Partit Laburista peress li l-każin ta' dan il-partit jinsab f'din il-pjazza.

## 8. Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gven Lokali

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

| | |
|---|---|
| 31/2014 | Spejjez għal-ġbir ta' skart wara li jittella suq fil-beraħ |
| 32/2014 | Spejjez għal servizzi speċjalizzati mitluba mill-Kunsilli Lokali |
| 33/2014 | Talbiet minn Ministeri jew Entitajiet Governattivi |
| 34/2014 | Aġġornament tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali |
| 01/2015 | Għeluq tas-sena finanzjarja |
| 02/2015 | Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali (April 2015) |
| 03/2015 | Devoluzzjoni ta' Siti u Proprjeta Pubblika lill-Kunsilli Lokali |

## 9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskedi ta' pagamenti Nru 12 u Nru 13 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskedi kif ippreżentati ġew aċċettati mill-Kunsill. Kopji ta' dawn l-iskedi qed jinhemeżu ma dawn il-minuti.

## 10. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra issir nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2015, fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |